Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 167/20**
il-Lussemburgu, 17 ta' Diċembru 2020

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-398/19
Generalstaatsanwaltschaft Berlin

# Ċittadin tal-Unjoni jista' jiġi estradat lejn Stat terz biss wara li jiġi kkonsultat l-Istat Membru li tiegħu għandu n-nazzjonalità

*Fil-kuntest ta' din il-konsultazzjoni, l-Istat Membru tan-nazzjonalità għandu jirċievi mingħand l-Istat Membru rikjest il-punti kollha ta' liġi u ta' fatt ikkomunikati fit-talba għal estradizzjoni u għandu jingħata żmien raġonevoli sabiex joħroġ fil-konfront ta' dan iċ-ċittadin eventwali mandat ta' arrest Ewropew*

BY, ċittadin Ukrain u Rumen, twieled fl-Ukraina u għex f'dan l-Istat sa meta mar jgħix fil-Ġermanja matul is-sena 2012. Fl-2014, huwa kiseb fuq talba tiegħu n-nazzjonalità Rumena abbażi tal-fatt li huwa kien dixxendent ta' ċittadini Rumeni, mingħajr ma qatt għex fir-Rumanija.

F'Marzu 2016, l-awtoritajiet Ġermaniżi ġew aditi mill-Prosekutur Ġenerali tal-Ukraina b'talba għal estradizzjoni ta' BY, għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' proċeduri kriminali. F'Novembru 2016, il-Generalstaatsanwaltschaft Berlin (il-Prosekutur Ġenerali ta' Berlin, il-Ġermanja) informa lill-Ministeru tal-Ġustizzja Rumen bit-talba għal estradizzjoni u staqsa jekk l-awtoritajiet Rumeni kellhomx l-intenzjoni li jeżerċitaw huma stess il-proċeduri kriminali kontra BY. Il-ministeru wieġeb, minn naħa, li l-awtoritajiet Rumeni setgħu jiddeċiedu li jeżerċitaw il-proċeduri kriminali biss fuq talba tal-awtoritajiet ġudizzjarji Ukraini u, min-naħa l-oħra, li l-ħruġ ta' mandat ta' arrest nazzjonali, bħala kundizzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew, jippreżupponi l-eżistenza ta' provi suffiċjenti tal-ħtija tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, huwa talab lill-awtoritajiet Ġermaniżi jipprovdu l-provi li ġew mgħoddija lilhom mill-awtoritajiet Ukraini.

Id-dritt Ġermaniż jipprekludi l-estradizzjoni ta' ċittadini Ġermaniżi, iżda mhux dik ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra. Għalhekk, il-Kammergericht Berlin (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Berlin) tqis li l-estradizzjoni ta' BY lejn l-Ukraina hija leċita iżda tistaqsi jekk din tmurx kontra l-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Petruhhin [1], ladarba l-awtoritajiet ġudizzjarji Rumeni ma tawx deċiżjoni formali dwar l-eventwali ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew. Essenzjalment, fis-sentenza hawn fuq iċċitata, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, meta Stat Membru li fih ċittadin ta' Stat Membru ieħor ikun mar jgħix jiġi adit b'talba għal estradizzjoni minn Stat terz, huwa marbut li jinforma lill-Istat Membru li tiegħu l-persuna mitluba għandha n-nazzjonalità sabiex l-awtoritajiet ta' dan tal-aħħar jingħataw l-opportunità joħorġu mandat ta' arrest Ewropew għall-konsenja tagħha għall-finijiet ta' proċeduri kriminali.

Peress li kellha dubji dwar il-konsegwenzi ta' din is-sentenza fuq l-eżitu tal-kawża adita biha, din il-qorti adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja bi tliet domandi preliminari li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18 u 21 TFUE (relatati, rispettivament, mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u mal-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni fit-territorju tal-Istati Membri) u s-sentenza Petruhhin.

[1] Sentenza tas-6 ta' Settembru 2016, Petruhhin, C-182/15 (b'mod partikolari l-punti 48 u 50); ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa n° 84/16.

Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja, ikkostitwita bħala Awla Manja, teżamina, fl-ewwel lok, il-kwistjoni dwar jekk l-Artikoli 18 u 21 TFUE japplikawx għas-sitwazzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni bħall-persuna kkonċernata fil-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li, skont il-ġurisprudenza tagħha, ċittadin ta' Stat Membru, li għandu fuq din il-bażi l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, li jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandu d-dritt li jinvoka l-Artikolu 21(1) TFUE u jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati, fis-sens tal-Artikolu 18 TFUE. Il-fatt li BY kiseb in-nazzjonalità ta' Stat Membru biss f'mument meta huwa kien diġà jirrisjedi fi Stat Membru li ma huwiex dak li tiegħu huwa sussegwentement kiseb in-nazzjonalità huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.

Fit-tieni lok, il-Qorti tippreċiża l-obbligi tal-Istati Membri fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni msemmi fis-sentenza Petruhhin. F'dan ir-rigward, hija tindika li l-Istat Membru rikjest għandu jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu l-persuna mitluba għandha n-nazzjonalità li jitolbu huma wkoll lil din il-persuna taħt mandat ta 'arrest Ewropew. Sabiex isir dan, huwa għandu jinforma lil dawn l-awtoritajiet mhux biss bl-eżistenza ta' talba għal estradizzjoni, iżda wkoll bil-punti kollha ta' liġi u ta' fatt ikkomunikati mill-Istat terz rikjedenti fil-kuntest ta' din it-talba għal estradizzjoni. Kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni li fiha tinsab il-persuna mitluba, rilevanti għall-finijiet tal-eventwali ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew fil-konfront tagħha, għandha wkoll tiġi indikata. Min-naħa l-oħra, l-ebda wieħed minn dawn l-Istati Membri ma jista' jkun marbut, skont il-liġi tal-Unjoni, li jitlob lill-Istat terz rikjedenti jibgħat il-fajl tal-investigazzjoni kriminali, sabiex l-Istat Membru li tiegħu l-persuna kkonċernata għandha n-nazzjonalità jkun jista' jevalwa l-possibbiltà li jeżerċita huwa stess il-proċeduri kriminali kontriha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, ladarba dan l-obbligu ta' informazzjoni jkun ġie osservat, l-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest ikunu jistgħu jkomplu bil-proċedura ta' estradizzjoni u, jekk ikun meħtieġ, jipproċedu bl-estradizzjoni tal-persuna kkonċernata fl-assenza, f'terminu raġonevoli, ta' ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew mill-awtoritajiet tal-Istat Membru li tiegħu hija għandha n-nazzjonalità. Tali terminu għandu jkun indikat, mill-Istat Membru rikjest, lill-imsemmija awtoritajiet u għandu jiġi ffissat billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-persuna kkonċernata tinżamm taħt detenzjoni fuq il-bażi tal-proċedura ta' estradizzjoni u l-kumplessità tal-kawża.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 18 u 21 TFUE ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li l-Istat Membru rikjest huwa marbut li jirrifjuta l-estradizzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni, ċittadin ta' Stat Membru ieħor, u jeżerċita huwa stess il-proċeduri kriminali kontra tiegħu għall-fatti mwettqa fi Stat terz, fejn, bħal fil-kawża prinċipali, id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjest jippermetti lil dan tal-aħħar jipproċedi kontra dan iċ-ċittadin tal-Unjoni għal ċerti reati mwettqa f'pajjiż terz.

Fil-fatt, f'każ bħal dan, obbligu li jirrifjuta l-estradizzjoni u li jeżerċita huwa stess il-proċeduri kriminali jkollu l-effett li jċaħħad lill-Istat Membru rikjest mill-possibbiltà li jevalwa huwa stess il-possibbiltà li jagħti bidu għall-proċeduri kriminali kontra l-imsemmi ċittadin fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali u jmur lil hinn mil-limiti li d-dritt tal-Unjoni jista' jimponi fuq l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali li dan l-Istat Membru jgawdi fir-rigward tal-possibbiltà ta' proċeduri kriminali. L-unika kwistjoni li tqum taħt id-dritt tal-Unjoni, f'każ bħal dak tal-kawża prinċipali, hija dik dwar jekk l-Istat Membru rikjest jistax jaġixxi, fir-rigward ta' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, b'mod inqas restrittiv għall-eżerċizzju tad-dritt tiegħu ta' moviment liberu u ta' residenza, billi jikkunsidra li jikkonsenjah lill-Istat Membru li tiegħu huwa għandu n-nazzjonalità minflok ma jestradixxih lejn l-Istat terz rikjedenti.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*